**Laqgha Numru 06/K6/2008**

**Introduzzjoni**

Minuti tas-Sitt Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2008 li saret nhar l-Erbgha 25 ta' Gunju 2008.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.45 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit , il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fid-19 ta' Gunju 2008. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Financial Statements.**

**02. Risposta ghall-Management Letter ta' l-Udituri.**

## 01. Approvazzjoni tal-Financial Statements.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Financial Statements 2007/2008 kif ipprezentati.**(Ara Dokument A)** Il-kelliem qal li l-Kunsill fis-sena finanzjarja 2007/2008 kien spicca bi zbilanc fuq is-sena partikulari minhabba li nefaq aktar milli dahhal ghalkemm meta wiehed jara l-bilanc tal-flus wara li jithallsu l-pagamenti kollha l-Kunsill kellu bilanc pozittiv. Il-kelliem qal ukoll li dan jirrizulta wkoll minhabba li l-Kunsill kull sena jaghmel numru ta' progetti u ghalhekk id-diprezzament qed ikun ta' piz fuq il-Kunsill.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Risposta ghall-Management Letter ta' l-Udituri.

2.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill kopja tal-Management Letter ta' l-Udituri. **(Ara Dokument B)**

2.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Management Letter tigi mwiegba kif propost minnu abbazi tal-kummenti tas-sena li ghaddiet. Il-kelliem zied ukoll li ma jarax ghala kien hemm il-htiega li l-Uditur jikkumenta fuq iz-zewg skejjel sportivi li ghamel il-Kunsill meta sallum il-gurnata il-Kunsill qatt ma gie nfurmat li qed jikser xi ligi. Rigward l-assikurazzjoni il-kelliem ippropona li l-Kunsill jitlob linja ta' gwida minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar jekk l-assikurazzjoni ta' l-assi tal-

Kunsill ghandiex tkun tal-valur ta’ meta nxtraw l-affarijiet jew il-valur stmat tal-gurnata.

2.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.05. Il-laqgha ntemmet fis-6.15pm.

Joe Zammit
**Sindku**

Kevin Borg
**Segretarju Ezekuttiv**